Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 214/2012AE

**Helen Vella**

**Vs**

**Monica Compagno**

Il-Gimgha, 30 ta' Ottubru 2015.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-28 ta' Frar 2012, l-attrici ppremettiet u talbet:-

*1. Illi fit-12 ta' Dicembru 2008, ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofs in-nhar (2:00pm), l-attrici kienet flimkien ma' ohtha Mary sive Mariella Falzon gewwa l-isptar San Luqa fil-vicinanzi ta' Karen Grech;*

*2. Illi fl-imsemmija data u hin, il-konvenuta kienet qeghdha ssuq vettura tal-marka Opel Corsa bin-numru tar-registrazzjoni ABJ 767;*

*3. Illi waqt li l-konvenuta kienet qeghdha ssuq l-imsemmija vettura fl-imsemmi sptar, b'imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku hija saqet ghal fuq l-attrici hija u diehla fil-vettura FAZ 101 proprjeta' ta' l-imsemmija ohtha u waqghat ma' l-art. Dan kif jirrizulta minn rapport tal-pulizija hawn anness u markat Dok A;*

*4. Illi tort dan l-incident, l-attrici sofriet danni emergenti principalment konsistenti fl-ispejjez li nkorriet u ghadha tinkorri ghall-kura taghha u telf ta' lukru minhabba d-dizabilita' permanenti ta' tnax fil-mija (12%) li sofriet u dan kif jirrizulta minn rapport mediku rilaxxjat mill-konsulent Charles Grixti hawn anness u markat Dok B;*

*5. Illi l-konvenuta giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 8 ta' Gunju 2010 sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni madankollu baqghet inadempjenti.*

Ghaldaqstant, l-attrici titlob għar-ragunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-incident li sehh fit-12 ta' Dicembru 2008 gewwa l-Isptar San Luqa, fil-vicinanzi ta' Karen Grech, u li kawza tieghu l-attrici Helena Vella wegghet sehh tort tal-konvenuta minhabba n-negligenza, imprudenza, u/jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku;*

*2. Tiddikjara illi l-konvenuta hija responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici;*

*3. Tillikwida l-istess danni kemm ta' natura damnum emergens kif ukoll ta' natura lucrum cessans sofferti mill-attrici occorrendo b'opera ta' periti nominandi;*

*4. Tikkundanna lill-konvenuta ghall-hlas tad-danni hekk likwidati.*

*Bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Gunju 2010 u bl-ispejjez ta' din il-kawza inkluz l-ittra ufficjali hawn imsemmija kontra l-konvenuta li sa minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni.*

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fit-28 ta' Marzu 2012, il-konvenuta wiegbet:-

*1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u dana stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort ta' l-intimata izda sehh unikament tort tar-rikorrenti stess u/jew ta' Mary sive Mariella Falzon u minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghhom, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*2. Illi subordinatament ghall-ewwel eccezzjoni, id-danni reklamati mir-rikorrenti huma kontestati, u r-rikorrenti ghandha tressaq kull prova valida skond il-ligi sabiex tipprova d-danni allegatament sofferti minnha kemm damnum emergens kif ukoll lucrum cessans;*

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Il-kawza titratta incident tat-traffiku li sehh fit-12 ta' Dicembru 2008 fir-*ring road* tal-Isptar San Luqa.

**<u>Responsabbilta</u>**.

1. Il-verzjoni tal-attrici hi li waqt li kienet qeghda ma' gemb il-vettura ta' ohtha bin-numru FAZ 101 tistenna biex tifthilha l-bieba ta' wara biex tirkeb, ghaddiet il-vettura Opel Corsa bin-numru ABJ 767 misjuqa mill-konvenuta, u laqtitha. Qalet li l-ewwel daqqa li hasset kienet fuq in-naha ta' isfel ta' saqajha.

2. Fir-rapport tal-pulizija jinghad li l-konvenuta qalet lill-pulizija li nvestiga l-kaz li:

   *"Jien kont ghaddejja bil-mod u kif ilhaqt qbizt bicca u hi fethet il-bieb u lqattha b'wara u smajt hoss"* (fol. 5).

   Verzjoni li kkonfermaw l-ufficjali tal-pulizija li nvestigaw il-kaz (fol. 55A u 55C).

Meta l-konvenuta xehedet fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2015, qalet:-

- Kienet ghadha kif lestiet minn gurnata xoghol u kienet qeghda ssuq il-vettura ABJ 767.
- Fuq in-naha tax-xellug taghha rat vettura pparkjata. Fiha kien hemm mara bilqeghda fis-seat tax-xufier u kellha l-bieba ftit imbexxqa, bejn wiehed u iehor nofs pied.
- Quddiem il-bieba miftuha kien hemm l-attrici.
- Waqt li kienet ghaddejja ma' gemb il-vettura pparkjata, semghet hoss. Harset mill-mera u rat lill-attrici f'nofs tat-triq. Meta nizlet il-vettura sabiex tara x'kien gara rat li l-bieba tal-vettura l-ohra, miftuha kollha.
- Rat lill-attrici fl-art quddiem il-bonnet tal-vettura pparkjata.
- Fil-mudguard ta' wara, fuq ir-rota, kellha daqqa.
- L-attrici bdiet tghid li l-konvenuta kienet tajritha bil-vettura.
- Ma ratx bieba ta' vettura tinfetah ghal fuq il-vettura taghha.

3. Jirrizulta li fl-incident l-attrici sofriet ksur fl-irkoppa tal-lemin[1] u zviluppat trombosi. Sieqha tpoggiet fil-gibs u zviluppat trombozi.

4. Jirrizulta li fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontra l-konvenuta, giet liberata mill-akkuzi[2] wara li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ddikjarat li kellha d-dubju dwar min kien effettivament ikkawza l-incident. Fatt li ma jfissirx li din il-qorti m'ghandhiex taghmel l-apprezzament tal-provi u l-konkluzjonijiet taghha, iktar u iktar meta tqies li l-grad tal-prova hu differenti.

5. Wara li l-qorti semghet il-provi u rat l-atti, tosserva:-

   i. L-attrici ma weggatx wahedha. M'hemmx provi li jindikaw li kienet qeghda timxi fit-triq u waqghet. Irrizulta li l-attrici spiccat fl-art u skond il-konvenuta kienet f'nofs it-triq[3]. Il-qorti temmen li gara hekk ghaliex l-attrici intlaqtet mill-vettura tal-konvenuta.
   ii. Irrizulta li l-attrici kienet qeghda tistenna lill-ohtha sabiex tifthilha l-bieba ta' wara sabiex tirkeb fil-vettura. Mariella Falzon ikkonfermat li l-attrici kienet warajha tistenna biex tifthilha l-bieba. Ghalhekk il-verzjoni tal-attrici hi korraborata minn xhud iehor. 'Il fatt li x-xhud hi oht l-attrici

---

[1] *Lateral tibial plateau* (ara rapport tal-periti medici addizzjonali, fol. 166).

[2] Sentenza tas-16 ta' Lulju 2015 fil-kawza **Il-Pulizija vs Monica Compagno**. Fost l-akkuzi kien hemm li *"b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-art jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolament tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Helena Vella skond ma ccertifika Dr Dennis Formosa MD u Dr Frank Portelli MD"*.

[3] *"Harist mir-rear view mirror biex nara x'gara u rajt lil Mrs Falzon qieghda f'nofs it-triq"* (seduta tat-8 ta' Gunju 2015).

ma jfissirx li l-verzjoni taghha ghandha titwarrab. Il-qorti kellha l-opportunita' tismaghha tixhed *viva voce*, u m'hemmx bazi biex tikkonkludi li x-xhud ma qalitx il-verita'.

iii. Ghalkemm il-konvenuta xehedet li rat lill-attrici bejn il-bieba tax-xufier u l-mudguard ta' quddiem, dan 'il fatt ma jissemmiex fir-*road accident report* tal-pulizija (fol. 60). Il-qorti tistenna li kieku l-konvenuta rat lill-attrici f'dik il-posizzjoni, kienet tgharraf lill-ufficjali tal-pulizija li nvestigaw l-incident.

iv. Il-konvenuta kkonfermat li rat il-bieba tal-vettura ta' Mariella Falzon, imbexxqa. Fin-nota ta' sottomissjonijiet argumentat li 'l fatt li *"... m'hemm ebda hsara fuq il-parti ta' gewwa tal-bieba tal-vettura, kuntrarju ta' dak li allegat mill-attrici,* ***jindika bl-aktar mod car li din il-bieba nfethet meta l-esponenti kienet skorriet jew bdiet tiskorri l-vettura FAZ-101****"* (enfazi tal-qorti). Il-qorti ma taqbilx ma' din it-tezi. Il-logika tghidlek li gialadarba Mariella Falzon kienet ghadha kif rikbet il-vettura taghha u kellha l-bieba mbexxqa, il-pass li jmiss kien li taghlaq il-bieba u mhux tiftahha iktar milli diga' kienet.

v. Il-qorti ma tifhimx kif fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenuta targumenta li Mariella Falzon fethet il-bieba ghal fuq il-vettura taghha, meta quddiem il-qorti xehedet li lill-pulizija qatt ma tathom il-verzjoni li hemm fir-road accident report. Verzjoni fejn jinghad *".. u kif ilhaqt qbizt bicca* ***u hi fethet il-bieba****......"* (enfazi tal-qorti).

vi. Il-konvenuta stess qalet li kif ghaddiet ma' gemb il-vettura ta' Mariella Falzon semghet hoss; *"Jien hsibt li kien* ***waqa' zokk ta' sigra*** *fuq il-karozza tieghi"*[4]. Hoss li l-qorti tattribwixxi ghal fatt li l-attrici ntlaqtet mill-vettura tal-konvenuta.

vii. Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenuta argumentat li gialadarba l-attrici kellha ksur f'irkubtejha tal-lemin, ma jistax ikun li kienet fuq il-parti ta' wara tal-vettura ta' ohtha ghaliex kieku wegghet sieqha x-xellugija. Pero' dan l-argument jipprezumi li l-attrici kienet bil-wieqfa wicca parallel mal-vettura ta' ohtha. Fatt li mill-provi ma jirrizultax. Pjuttost jidher li l-attrici kienet b'dahara lejn id-direzzjoni minn fejn kienet gejja l-vettura tal-konvenuta.

viii. Il-konvenuta staqsiet: *".... kif setghet l-istess attrici tispicca mal-art quddiem il-fanal tal-lemin tal-vettura FAZ 101 ? Wiehed jistaqsi jekk din allura ghaddietx direttament minn gol-bieba tal-azzar !"*. Pero' l-konvenuta stess qalet li meta nizlet mill-karozza sabet lill-attrici f'nofs it-triq[5]. 'Il fatt jibqa' li l-qorti temmen il-verzjoni tal-attrici u daqshekk.

---

[4] Seduta tat-8 ta' Gunju 2015.

[5] Ghalkemm l-attrici xehedet li spiccat xi hames piedi 'l quddiem mill-vettura ta' Mariella Falzon (fol. 110), dan mhux verosimili. B'daqshekk ma jfissirx li l-verzjoni li tat ghandha tigi skartata.

ix. Il-konvenuta ghamlet enfazi dwar fejn kienet il-konvenuta qabel sehh l-incident. Jibqa' 'l fatt li l-attrici spiccat fl-art bi griehi hekk kif il-vettura tal-konvenuta ghaddiet ma' gemb il-vettura ta' Mariella Falzon. Cirkostanza li ghall-qorti tista' tfisser biss li l-attrici ntlaqtet mill-vettura tal-konvenuta.

x. Fil-fehma tal-qorti l-vettura tal-konvenuta ghaddiet vicin wisq l-attrici. Jidher li l-konvenuta kienet aljenata u ma rrejalizzatx li kienet laqtghet persuna. Tant hu hekk li hasbet li waqa' zokk ta' sigra fuq il-vettura taghha.

Il-qorti tikkonkludi li l-konvenuta hi wahedha responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza.

**<u>Likwidazzjoni ta' danni</u>**.

6. Fir-rigward tad-danni, il-qorti tosserva:-

i. L-attrici twieldet fl-1 ta' Gunju 1955 (fol. 38). Ghalhekk fid-data tal-incident **kellha 53 sena**. Il-kalkoli ser isiru fuq multiplier ta' tmien (8) snin.

ii. Skond ir-rapport tal-periti medici addizzjonali qeghda ssofri debilita permanenti ta' 8% (fol. 167). Ghalkemm l-attrici qalet li l-persentagg hu baxx meta tqies *"…. il-gravita' tal-griehi illi hija sofriet fl-incident, l-ugiegh u l-limitazzjonijiet li ghadha ssofri minnhom sal-lum il-gurnata….."*, dan ma jwassal lill-qorti biex tiskarta l-parir tal-periti medici addizzjonali. L-attrici kompliet targumenta li l-periti gudizzjarji semmew li l-hsara fil-gog li ghandha l-attrici twassal ghal artrite[6] u ghalhekk jista' jkollha bzonn ta' operazzjoni sabiex tibdel l-irkoppa. Il-qorti m'hijiex ser tiddeciedi fuq dak li jista' jigri fil-futur iktar u iktar meta m'hemmx provi li jwassaluha biex tikkonkudi li probabilment l-irkoppa tal-attrici ser ikollha tinbidel. Fic-cirkostanzi l-qorti ma taqbilx mal-attrici li l-kalkoli ghandhom isiru fuq debilita ta' 12%.

iii. L-attrici hi mara tad-dar. Il-gurisprudenza hi fis-sens li 'l fatt li l-mara ta' dar m'ghandhiex qliegh mix-xoghol li taghmel fid-dar, ma jfissirx li m'ghandhiex jedd ghall-kumpens fejn jirrizulta li qeghda tbati minn debilita permanenti wara incident tat-traffiku.

[6] Il-perit medici qalu li: *"Din il-hsara tal-gog bla dubju twassal ghal artrite ta' dan il-gog bil-moghdija taz-zmien"* (fol. 161).

iv. Id-danni ser jigu kkalkolati fuq il-paga minima li tapplika ghall-maggorenni. F'dan ir-rigward gialadarba l-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq medda ta' 8 snin b'effett mis-sena 2008, il-kalkoli ghandhom isiru fuq il-paga minima nazzjonali ghal kull sena mill-2008 sal-2015.

| <u>**Sena**</u>. | <u>**Qliegh fis-sena[7] u kalkolu fuq rata' ta' debilta ta' 8%**</u>. |
|---|---|
| 2008 | €7,404.28 = €592.34 |
| 2009 | €7,616.44 = €609.32 |
| 2010 | €7,919.08 = €633.52 |
| 2011 | €7,979.40 = €638.35 |
| 2012 | €8,221.72 = €657.74 |
| 2013 | €8,433.88 = €674.71 |
| 2014 | €8,615.36 = €689.23 |
| 2015 | €8,645.52 = €691.64 |
| | Total: **€5,186.85**. |

xi. Ghal dak li jirrigwarda tnaqqis ghal *lump sum payment*, ma japplikax ghall-kaz in ezami gialadarba l-kalkoli ser isiru fuq *multiplier* ta' tmien (8) snin, li effettivament diga' ghaddew.

xii. Hemm ukoll is-somma ta' **€1,193.93** spejjez medici[8] li ghamlet l-attrici[9].

xiii. Ghaldaqstant id-danni qeghdin jigu likwidati fis-somma ta' **sitt elef tlett mija u tmenin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€6,380.78)**.

**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u:-**

1. **Tiddikjara li l-konvenuta hi unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fit-12 ta' Dicembru 2008.**
2. **Tillikwida d-danni fis-somma ta' sitt elef tlett mija u tmenin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€6,380.78)**.

---

[7] Ara S.L. 452.71 *National Minimum Wage National Standard Order*.

[8] Ara Dok. D1-D13 (fol. 24-37)

[9] L-attrici xehedet li fost l-ispejjez kellha taghmel crown peress li fl-incident ikissritilha sinna; *"Fi Frar tas-sena 2009 jiena mort ghand id-dentist u dakinhar huwa ghamilli cover fuq id-darsa. Il-kont ghal din il-procedura gie hames mija u sittin ewro (€560)….."* (fol. 68) [ara ricevuta a fol. 24 u affidavit ta' zewgha, John Vella].

3. **Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' sitt elef tlett mija u tmenin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€6,380.78)**.

**Spejjez a karigu tal-konvenuta.**

Anthony Ellul.